Verżjoni Elettronika

A.L. 36 tal-2023

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi u dawn irregolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

L.S. 549.40.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Iżid regolament ġdid mar-regolament prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 4A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Separazzjoni mandatorja tal-iskart. L.S. 549.63.

4B. (1) Kull persuna għandha tissepara skart riċiklabbli skont ir-regolament 12A tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

(2) L-infurzar tas-subregolament (1) għandu jitwettaq f'approċċ gradwali kif għandu jiġi preskritt mill-Ministru permezz ta' avviż tal-Gvern fil-Gazzetta.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (1) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "landa taż-żibel approvata" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tali numru ta' laned taż-żibel kif approvati".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 10 ta-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (d) tas-subregolament (4) tiegħu, il-kliem "mhux iżjed minn sitt elef euro (€6,000)." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mhux iżjed minn sitt elef euro (€6,000):" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej:

Verżjoni Elettronika

"Iżda l-multa minima ta' erba' mitt euro (€400) għandha tkun applikabbli fejn l-ammont tal-iskart ikun ikkunsidrat minimu."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(4A) Kwalunkwe persuna li tikser ir-regolament 4B għandha teħel ma' l-ewwel kontravvenzjoni twiddiba u ċanfira, mat-tieni kontravvenzjoni ammenda ta' ħamsa u għoxrin euro (€25) u f'każ ta' kontravvenzjonijiet sussegwenti ammenda ta' ħamsin euro (€50):

Iżda fil-każ ta' skart iġġenerat minn attivitajiet kummerċjali, il-persuna li kkontraveniet għandha teħel ma' l-ewwel kontravvenzjoni twiddiba u ċanfira, mat-tieni kontravvenzjoni ammenda ta' ħamsa u sebgħin euro (€75) u f'każ ta' kontravvenzjonijiet sussegwenti ammenda ta' mija u ħamsin euro (€150):

Iżda wkoll fil-każ ta' skart iġġenerat minn attività kummerċjali, azzjoni tista' tittieħed kontra kwalunkwe persuna responsabbli mill-intrapriża jew ingaġġata minnha.".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fis-subregolament (1) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "fir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8 u 10(3)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fir-regolamenti 4, 4A, 5, 6, 7, 8 u 10(3)".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fis-subregolament (1) tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "ir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8 u 9" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-regolament 4, 4A, 4B, 5, 6, 7, 8 u 9".